# Mid-djarju ta’ Marika



Addattament mill-ktieb “Mid-Djarju ta’ Stefan u Marika” ta’ Charles Casha

Il-lejl li għadda kelli norqod fil-kuritur!





Missieri beda jbajjad il-kamra tiegħi.

Il-kamra ġejja ħafna isbaħ milli kienet!

Qabel kienet ħadra u lili ma tantx kienet togħġobni.
Issa se tkun roża bis-saqaf abjad.



Dan il-kulur inħobbu ħafna jien! U naħseb li se nkun aktar għal qalbi fiha.

Missieri qalli li la l-kamra tkun lesta, nerġgħu ndaħħlu kollox fiha imma l-iskrivanija nagħmluha taħt it-tieqa.






Għada ngħid lil missieri jżidli xi xkafef għax il-kotba dejjem jiżdiedu!

Ma tantx se jieħu pjaċir meta ngħidlu għax biżżejjed kellu xogħol.

Imma żgur li ma jgħidlix le! Issa tara!